# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

**Il-Pulizija**

**( Spettur Charlotte Curmi)**

**Vs**

**Carmelo Tarcisius Joseph Valentus Pullicino**

**Il-Qorti**

**Illum: 26 ta` Frar, 2024.**

Rat l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' **Carmelo Tarcisius Joseph Valentus Pullicino** ID 06186644(M) bin Paul u Carmen nee Falzon mwieled fil-8/11/1964 u joqghod 4 Sqaq Busbiesi Marsaxlokk talli fit-13 ta' Gunju 2022 ghall-habta ta' 7.00 hrs fi Triq Alfredo Cachia Zammit Zejtun soqt vettura b'numru ta' registrazzjoni JBF 817.

1. B'manjienra traskurata;
2. U talli soqt l-imsemmija vettura b'manjiera bla kont;

3. U aktar meta b’nuqqass ta’ hsieb bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolament tat-traffiku nvolontarjament ikkagunajt offiza ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Maria Susanna Grech skond kif iccertifika Dr Agnes Portelli MD mill-MDH.

Il- Prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan.

Il-Qorti mitluba li f’ kas ta’ htija minbarra li tinfliggi il-piena skond il-ligi tnaqqas il-punti mill-licenzja tas-sewqan hekk kif stabilit mill- LS 65.18 Art 36 B u fil- LS 65.18 Sitt Skeda.

Rat l-artikoli Kap 65 Art 15(1)(a) (2) Kap 9 Art 226(1)(b) LS 65.18 Art 36 B u fil- LS 65.18 Sitt Skeda tal-ligijiet ta’ Malta.

Rat ix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni.

L-imputat iddikjara bla pregudizzju li l-griehi ta’ Matia Susanna Grech huma ta’ natura gravi.

L-imputat ghazel li ma jixhiedx.

Rat l-atti kollha, d-dokumenti kollha ezebiti u l-provi kollha.

Semghet it-trattazzjoni.

**Ikkunsidrat**

**<u>Maria Susanna Grech,xehdet hekk</u>**

Avu: Mela ara sinjura inti tiftakar tispjegalna naqra x`gara f`dak l-incident illi kien gara fit-13 ta` Gunju 2020 tiftakar x`gara ezatt u x`hin kien?

Xhud: Hin kienu xi 7.20 ta` filghodu xi haga hekk, id-data 13$^{th}$ June, 22 gara iz-Zejtun.

Qorti: Liema triq?

Xhud: It-triq ma nafiex ghax jiena minix midhla ta` dik in-naha ma nafx x`jisimha it-triq.

Qorti: X`gara sinjura?

Xhud: Jiena mort biex nirkeb tal-lnja ghax peress kienet il-gimgha tal-festa ma kienux qed jaghddu karozzi u tlajt biex nirkeb mil-venda u peress li l-venda kienet maghluqa bqajt niezla iktar l-isfel ghax qaluli li hemm stage u qsamt l-ewwel qsamt l-ewwel bicca tat-triq.

Qorti: Imma liem triq hi din?

Avu: Mela iz-Zejtun fejn kont precizament hemm xi bank xi haga?

Xhud: Ghaddejt mil-bank tal-HSBC u bqajt niezla iktar l-isfel.

Qorti: Jien ma nafx fejn ee bla sketch ma nafx fejn.

Avu;	Igifieri inti fit-triq fejn kont miexja dak in-nhar ma nafx x`jisimha?

Xhud:	Le naf li lil hawn is-Suq taz-Zejtun fejn jarmaw biex niftehmu imma triq x`jisimha ma nafx.

Avu:	Mela inti kont vicin l-entratura taz-Zejtun fejn hemm ir=roundabout?

Xhud:	Jien kont diehla min jidhol iz-Zejtun minn hemm irid jidhol inkella irid idhol minn Bir id-Deheb igifieri tkun diehla minn triq tal-Barrani umbaghad tidhol ghaz Zejtun u,

Qorti:	Outskirts tar-rahal jew rahal dan le?

Xhud:	Kwazi jigi naqa l-outskirts hemm ta gahx ezatt fuq barra.

Avu:	Spjegalna naqra tal-Barrani triq tal-Barrani taf fejn qeghda triq tal-barrani?

Xhud:	Heq dazgur li nafha.

Avu:	Umbaghad hemm triq biex tidhol ghaz-Zejtun?

Xhud:	Ezatt.

Avu: Mela dhalna minn hemmekk u fejn wasalna umbaghad?

Xhud: Umbagahd tigi qed nghidlek fejn is-Suq u tibqa diehla ghaz-Zejtun biex tigi lejn,

Avu: Igifieri l-incident gara hemmekk? Mela tal-Barrani tidhol it-triq kollha u wasalt fejn Mercieca hemm roundabout?

Xhud: Ezatt issa dan l-accident gara faccata.

Avu: Issa wasalna fejn ir-roundabout issa spjegalna naqra hemm triq taghti ghaz-Zejtun naqblu li tidhol goz-Zejtun?

Xhud: Iva biex tidhol ghaz-Zejtun fejn gara l-accident kont gejja mit-triq tac-Cawsli ahna nghidulha iz-Zejtun sewwa tkun diehla lejn iz-Zejtun biex tidhol lejn jew lejn il-pjazza jew tmur lejn tal-Barrani f`dik it-triq.

Avu: Issa spjegalna naqra inti allura kont hierga mill-liema triq bhala bil-mixi?

Xhud: Jiena kont hierga miz-Zejtun fic-Centru fejn ikun hem il-Venda biex ninzel ftit iktar l-isfel qaluli li hemm,

Avu: Lejn ir-roundabout kont miexja?

Xhud: Iva lejn ezatt, mhux in-naha ta` Mercieca in-naha l-ohra.

Avu: Issa man-naha l-ohra tat-triq fejn waqaft inti qabel ma qsamt x`hemm?

Xhud: Hemm Mercieca u tigi triq minn Bir id-Deheb.

Avu: Sewwa issa pero inti waqaft fil-kantuniera biex taqsam?

Qorti: Dottore qed tixhed inti minn flokha.

Xhud: Jiena umbaghad kif inzilt minn din taz-Zejtun biex ninzel ghax qaluli fejn is-Suq inzilt fuq dis-side li tigi in-naha tal-Bus Stop.

Qorti: Jien ma nafx x`qed tghidu inutli tghidli is-Suq taz-Zejtun lanqas naf fejn hu s-Suq taz-Zejtun, biex immur iz-Zejtun irrid nara is-sinjali tat-triq gahx ma nafx fejn jien sal-Ghassa naf.

Xhud: Qabel gara qabel l-Ghassa.

Qorti: Sa l-Ghassa nasal il-bqija ma nafx.

Xhud: Imma triq ma nafiex ghax minix midhla ta` dawk it-toroq dik li nista nghid suppost sond r-rapport tal-pulizija hemm miktub nahseb.

Qorti: Iva sinjura imma inti qed tixhed mhux ir-rapport inti trid tghidli.

Avu: U inti waqaft fil-kantuniera biex taqsam naqblu, mbaghad x`ghamilt?

Xhud: Ezatt umbaghad qsamt ma kienux gejjin karozzi ovvja meta qsamt.

Avu; Meta hemm dic-Central Strip fin-nofs igifieri ghax hemm it-traffiku jigi minn naha u traffiku jigi minn naha ohra?

Xhud: Ezatt.

Avu: Mela inti qsamt minn nofs umbaghad gejt biex taqsam minn nofs l-iehor rajt li mhux gejt karozzi meta qed tghid rajt li mhu gej karozzi f`dak il-punt fuq ic-Central Strip mill-liema naha qed tghid ilkarozzi kellhom suppost jigu?

Xhud: Suppost il-karozzi kellhom jigu minn naha t`isfel hekk sewwa u jiena qsamt hekk ghax it-triq wahad l-isfel u wahda hekk.

Avu: Meta taqsam l-ewwel nofs it-traffiku lejn fejn harist biex tara hux gej tarffiku?

Xhud: Harist hekk l-isfel hekk ghax jiena it-teiq hekk kienet sew il-karozzi wahda l-hawn u wahda l-hemm.

Avu: Poggi il-posizzjoni tieghek qisek se taqsam issa sinjura?

Xhud: Jien kotn hekk il-karozzi,

Qorti: Jiena sinjura hekk ghalija ma jfisser xejn ma nafx.

Avu: Fuq il-pedana qisek qeghda fuq il-bankina u qisek se taqsam lejn in-naha l-ohra mela int waqaft biex taqsam lejn fejn harist biex tarhom jekk hux gejjin karozzi jekk sejra faccata lejn fejn triq thares?

Xhud: Harist l-isfel.

Avu: Sewwa u rajt li mhux gejjin karozzi u qsamt u waqat fuq ic-Central Strip umbagahd lejn fejn harist biex tara jekk humiex gejjin karozzi?

Xhud: Harist in-naha minn fejn kienu gejjin il-karozzi kienet il-din in-naha ahna konnha nghidlulha in-nahga t`isfel.

Avu: Insomma gejt biex taqsam it-tieni nofs umbagahd fejn harist?

Xhud: Umbaghad harist in-naha l-ohra biex naqsam ghax il-karozzi kienu jigu minn hemm u qsamt.

Avu: Umbagahd x`gara umbaghad?

Xhud: Umbaghad f`nofs it-triq nara qisu vann gej ghalijja vann kien m`ghandix idea l-ghamla tal-karozza u hsibtu ha jibbrejkja wara kolox ghax kellu cans izomm il-break lanqas brake just tajjarni u that`s it.

Qorti: Hi 2 lane jew 1 lane?

Xhud: Le 1 lane wara li taqsam ic-Central Strip1 lane dejjem 1 lane.

Qorti: 1 lane iz-zewg nahat?

Xhud: Ehe 1 lane iz-zewg nahat.

Avu: Issa u x`gara rajt dal-vann gej hsibtu ha jaghfas il-brake?

Xhud: Ezatt, xejn umbaghad bumm u daqsekk.

Avu: Issa umbaghad x`gara weggajt qlajt daqqa ta` karozza waqajt fl-art x`gara ezatt?

Xhud: Waqajt zgur ghax ovvja gie ragel zgur jghidli sinjura sinjura sinjura nhaseb dak il-hin ftaht ghajnejja.

Avu: U min kien dar-ragel taf min hu?

Xhud: Le ma nafux qal li kien qed jahdem vicin u ovvja rani jew semghani u beda jaghjjatli u ovvja bdejt nghidlu ambulanza ambulanza ghax kont muguha kollox saqajja u dahri.

Avu: Issa dar-ragel taf x`jismu li gie jkellmek?

Xhud: Le le m`ghandix idea min hu naf zgur li beda jgidli ibqa mieghi ghax bdejt naghlaq ghajnejja beda jghidli ikellmini dik li niftakar umbaghad bdew jingemghu hafna nies min cempel l-ambulanza.

Avu: U inti bqajt ma l-art?

Xhud: Ehe ma l-art.

Avu: U kif kont ma l-art wiccek il-fuq wiccek l-isfel la genba?

Xhud: Le la genba b`saqajja angles igifieri ma stajtx inzommhom dritti.

Avu: Ppruvajt ticcaqlaq sinjra dak il-hin?

Xhud: Saqajja zgur ma stajtx incaqlaqhom ghax kont naf l-ugiegh li kelli I mena kont naf li grali xi haga idejja caqlaqthom iva u rasi gahx saqajja ma caqlaqthomx.

Avu: Issa inti lil xufier ta dal-vann rajtu xi hin?

Xhud: Le le le m`gahndix idea min hu.

Avu: Igifieri jekk kelli nsaqsik iddur dawra fl-awla hekk ma tarfux?

Xhud: Le ma naghrfux.

Avu: Issa umbaghad x`gara wara?

Xhud: Heqq umbaghad il-pulizija ghalija damu ma gew x`hin gew l-ambulanza u dak il-hin staqsewni x`jisimni fejn noqghod u that`s all m`ghandix idea .

Avu; X`gara wara l-ambulanza x`ghamlet giet haditek l-isptar?

Xhud: Haditni l-isptar ovvja u ghamluli X-Rays umbaghad qaluli ghandi dahri miksur u saqaja irkubtejja it-tnejn.

Avu: Ghamlulek xi haga ohra apparti hekk u X-Rays?

Xhud: Scans ghamluli scans ta saqajja zgur.

Avu: Taf min kien l-ispecjalista li rak?

Xhud: Mr. Ray Gatt.

Avu: Issa umbaghad x`qalulek it-tobba hemmekk x`qalulek dwar il-feriti li kellek?

Xhud: Zgur li qalli dahri kelli nilbes il-brace saqajja ma kienux jafu x`se jaghmluli hux ha joperawni jew le umbaghad ha decizjoni ma joperanix libbisni il-braces.

Avu: Imma x`kellek f`saqajk?

Xhud: Ksur.

Avu: Fejn kien il-ksur?

Xhud: Tax-xelluhg zewg qasmiet f`irkubbtejja u f`tal-lemin wahda.

Avu: Igifieri irkubbtejk kienu it-tnejn miksurin?

Xhud: It-tnejn iva.

Avu: F`dahrek x`kellek?

Xhud: F`dahri kelli wahda tibia il-first u l-ponta t`isfel id-denb ghax nahseb bid-daqqa waqajt bilqeghda ma nafx.

Avu: Kemm domt rikoverata l-isptar?

Xhud: Ghamilt xi 3 weeks ghamilt nahseb l-ahhar gimgha nizzluni fuq wheelchair igifieri ma stajtx inqum xejn mis-sodda.

Avu: U gralek xi haga ohra kemm domt l-isptar?

Xhud: L-ewwel gimgha li domt l-isptar tatni trobosi peress li ma kontx qed niccaqlaq igfieri fl-ewwel gimgha dik tattni trombosi ghax ovvja saqajja ma stajtx incaqlaqha xejn minnhom.

Avu: Issa wara li hrigt mil-isptar wara 3 weeks umbaghad inti f`liema stat kont?

Xhud: Jiena wassluni id-dar fuq stretcher ghax ovvjament ma stajtx niccaqlaq ghamilt xi xahrejn ohra fis-sodda jahsluni igifieri fis-sodda bin-nappies ghax ovvja ma stajtx nixxiftja ruhi minn fuq is-sodda ghal-fuq il-wheelchair umbaghad bdiet tigi il-Physio bdiet taghllimni kif se nixxiftja ruhi minn fuq is-sodda ghall-fuq il-wheelchair biex nitaghllem biex inkun nista pero saqajja dejjem dritti ma stajtx inizzilhom, umbagahd taghllimt nixxiftja bdejt indur bil-wheelchair u wara ghallmitni nixxiftja ghall-fuq it-toilet biex inkun nista ma nibqax nuza nappies pero meta kont nohrog anki l-isptar il-vizti dejjem bin-nappies kont immur.

Avu: U kemm domt hekk bil-wheelchair?

Xhud: Jien il-wheelchair qisni nehhejtu ghall-ahhar ta` Dicembru ghax umbaghad bdejt nitaghllem bil-krozzi u bil-walker umbaghad ghamilt il-krozzi u s`issa ghadni qed nistenna jekk jaghmillix replacement fl-irkoppa tal-left ghax peress li kienet damaged hafna so qalli it may be naghmlu replacement.

Avu: Igifieri illum l-istat tieghek huwa dak igifieri?

Xhud: Ehe.

Avu: Illum qeghda timxi igifieri?

Xhud: Le nimxi ovvja ghandi saqajja qeghdin jitnefhuli hafna infatti irrid nerag immur ghand it-tabib u jien ghax xoghol kont sejra I mean kont nahdem hajja normali kelli.

Avu: U ma ergajtx dhalt ghax –xoghol?

Xhud: Jien ixxoghlijiet fis-1.00 kienu igifieri kelli xi xoghol bl-hours gieli naghmel.

Avu: Kif taghmlu mid-dar jew tohrog?

Xhud: Le le nohrog issa bdejt ergajt wara sena.

Avu; U inti qeghda taht kura ta specjalista differenti minn dak li sememjt qabel jew ghadu l-istess wiehed?

Xhud: Le  f`idejh ghadni ghax jekk ha joperani hu ha joperani.

Avu: Xejn iktar mix-xhud.

Avu: Kontro Ezami mela sinjura naqblu li l-isem atat-triq fejn sehh l-incident inti ma tafx x`inhi?

Xhud: Le l-isem tat-triq ma nafx naf fejnha imma ma nafx x`jisimha.

Avu: Inti semmejt illi kif wasalt igifieri kont gejja mid-direzzjoni tal-Venda ghaddejt minn hdejn l-HSBC taz-Zejtun wasalt fil-kantuniera ta` dik it-triq li ma nafux x`jisimha u inti kont ha taqsam, naqblu li dak il-post hija l-bokka tat-triq igifieri it-triq principali li inti semmejt li qegdha fuq l-outskirts taz-Zejtun gifieiri hemmekk tispicca ir-roundabout u tibda t-triq it-twila?

Xhud: Mhux tal-barrani,

Avu; Le mhux tal-barrani mela int ghedt li gejja mid-direzzjoni tal-Venda taz-Zejtun ghaddejt minn hdejn l-HSBC taz-Zejtun u wasalt fit-tarf ta` dik it-triq hemmekk fil-kantuniera inti iddecidejt li ha taqsam naqblu li dak il-post fejn inti iddecidejt li ha taqsam hija vizavi ir-roundabout fejn vetturi jitilqu mir-roundabout u ha jibdew it-triq principali li ma nafux x`jisimha? Meta qed tghid Center Strip inti qed tirreferi ghall dak il-maqrut gifieri inti iddecidejt illi taqsam minn kantuniera,

Xhud: Kont iktar l-isfel kont mil-kantuniera.

Avu: Pero kont b dritt dan il-maqrut le?

Xhud: Ezatt.

Avu: Taqsam il-kantuniera tmur fuq dan il-maqrut umbaghad terga taqsam it-triq hux hekk biex nifthemu?

Xhud: Ezatt.

Avu Issa naqblu li din it-triq li ma nafux x`jisimha hija triq traffikuza hafna igifieri it-traffiku kollu li gej minn Bir id-Deheb miz-Zejtun minn tal-Barrani irid jaghddi minn din it-triq jekk ma jridx imur fil-qalbha taz-Zejtun?

Xhud: Le it-triq li qsamt jiena ma jghaddux li jkunu sejrin Bir id-Deheb jaghddu.

Avu: Naqblu li hija triq traffikuza li jaghddi volum ta traffiku minn hemm?

Xhud: Mhux dejjem le mhux dejjem ikun traffikuz.

Avu: Igifieri it-triq minn tal-Barrani umbaghad wiehed igifieri jasal ghall-Bir id-Deheb ghall-dawk il-lokalitajiet?

Xhud: Le mhux in-naha tal-Barrani kont goz-Zejtun.

Avu: Iva naf li kont goz-Zejtun sinjura imma li qed nipprova nispjegalek hu illi qed nissugerilek li din it-triq hija triq hija traffikuza jaghddi volum ta` traffiku ghaliex inti kif titlaq minn tal-

barrani hu taghddi dik it-triq fejn hemm il-Petrol Station umbagahd issib ruhek mar-roundabout ta` Mercieca?

Xhud: Ezatt iva.

Avu: Issa dik it-triq it-twila li ma nafux x`jisimha hija triq li jaghddi volum sew tat-traffiku minn hemm le?>

Xhu: Imma t-triq it-twila I mean jaghddu ovvja karozzi.

Avu: Naqblu ukoll illi fil-vicinanzi ta` fejn hemm zebra crossing?

Xhud: Hemm ehe iktra l-isfel.

Avu: X`kienet ir-raguni li inti ma uzajtx iz-zebra crossing?

Xhud: Ir-raguni kienet li qaluli li hemm l-istage faccata u qsamt ghall-istage.

Qorti: Kemm hu l-boghod ghaz-Zebra Crossing?

Xhud: Din l-awla ghall-darbtejn.

Qorti: Awla 5 ok.

Avu; Nissuferilek li huwa iktar vicin kif qal il-pulizija, il-pulizija qal li iktar l-isfel minnfejn sehh l-incident hemm pedestrian crossing gifieri kif inti tispicca dan il-maqrut umbaghad hemm iz-Zebra Crossing fejn qieged iz-zebra crossing?

Xhud: Iz-zebra crossing qieghed iktar l-isfel mill-maqrut ghax il-maqrut jispicca hemm iktar l-isfel mil-maqrut.

Avu: Mil-maqrut umbaghad kemm hemm distanza bejn?

Qorti: Qaltlek darbtejn din l-awla issa vi jew va.

Avu: U inti iddecidejt illi taqsam mil-kantuniera ghaliex il-Venda jew il-Bus Stop kienet faccata tieghek?

Xhud: Hekk tawni dik id-direzzjoni tawni u ma qsamtx ezatt mal-maqrut.

Avu: Imma inti iddecidejt ill taqsam minn hemm ghaliex il-venda jew il-Bus Stop kienet ezatt faccata ta fejn kont?

Xhud: Ma kieentx faccata gahx umbaghad,

Avu: Inti gehdt ta sinjura li kienet faccata.

Xhud: Min tani id-direzzjoni tahieli hazina.

Avu: Imma inti rajtha il-Bus Stop quddiemek qed nassumu meta qsamt?

Xhud: Le ma rajtiex.

Avu: Il-Bus Stop ma rajtiex?

Xhud: Ghax eta jaghmlu il-Bus Stop fintha peress li kienet il-festa gieli jaghmlu Bus Stop finta.

Avu: Igifieri ma ndunajtx li kien hemm Bus Stop faccata tieghek hekk qed tghid?

Qorti: Jienq fhimt dottoressa li hi qalulha li hemm Bus Stop faccata kienetx hemm jew kienet hemm il-Bus Stop hi kienet ha tmur faccata ghax qalulha li hemm Bus Stop faccata jien hekk fhimt.

Xhud: Ezatt umbaghad daqsekk tghidlix jekk kienetx hemm jew le.

Avu: Naqblu li din ic-center strip mhijiex intiza biex persuni birrigel jitilghu fuqha hija filfatt maqrut li jiddividi iz-zewg karregati?

Xhud: Le orajt,

Avu: Le imma nqblu li mhijiex intiza persuni jirfsu fuqha jew jaghddu minn fuqha?

Xhud: Jien ili nghix mitt sena u qabel minn hemm konnha naqsmu.

Avu: Iva ma jfissirx sinjura center strip naqblu li mhux supppost illi persuni jaghddu minn fuqha le?

Xhud: Imma jaghduu hafna minnha.

Avu: Inti semmejt illi qsamt mill-ewwel bicca tat-triq tlajt fuq ic-center strip umbaghad ha terga tibda taqam it-tieni parti tat-triq u inti harist fuq in-naha tax-xellug?

Xhud: Iva ezatt.

Avu: U ghedt li rajt dan il-vann?

Xhud: Le x`hin qsamt ma kienx hemm karozzi gejjin.

Avu: Mela wasalt fuq il-maqrut ok harist fuq in-naha tax-xellug hux hekk?

Xhud: Iva.

Avu: U ma rajt assolutament xejn?

Xhud: Ma kienux gejjin karozzi le.

Avu: Il-vizwali ghajnejk kemm ituk distanza kemm tista tara l-boghod?

Xhud: Jien insuq u ghadni kemm ghamilt il-vizta tan-nuccali.

Qorti: Le mhux hekk qed tghdilek it-triq twila u dritta?

Xhud: Allahres ma narax sa Mercieca.

Avu; Igifieri tiat tara iktar il-boghod mir-roundabout?

Xhud: Mela mela.

Avu: Ok u inti ma rajt assolutament xejn?

Xhud: Le karozzi nezlin l–isfel le.

Avu: Ma rajtx ok, u inti bdejt taqsam meta inti kont qed taqsam lejn fejn kont qed thares?

Xhud: Lil hemm xorta lejn ix-xellug minn fejn jigu l-akrozzi.

Avu: Issa hin minnhom innutajt dan il-vann.

Xhud: X`hin kont f`nofs it-triq ovvja innutajt vann gej.

Avu: U dan ghalfejn ma rajtux qabel jekk inti kont qed thares lejn dik id-direzzjoni?

Xhud: Jekk hu ma kienx hemm.

Avu: Igifieri nizel mis-sema.

Xhud: Ma nizilx mis-sema gie,

Avu: Gie minn fejn?

Xhud: Gie isuq ovvja I mean?

Avu: Taf minn fejn kien gej?

Xhud: Minn fuq rajtu jien minn naha ta` Bir id-Deheb.

Avu: Ta` Alex Mercieca?

Xhud: Ezatt.

Avu: Imma jekk inti rajtu gej minn naha ta` Alex Mercieca igifieri inti inzilt mic-Center Strip ghaliex ma rajtux qabel?

Xhud: Ghax hemm ir-roundabout igifieri,

Avu: Imma sinjura zewg sekondi ilu inti ghedtli li inti tista tara lil hinn minn Alex Mercieca?

Xhud: Li kieku tkun gej minn hdejn Alex hemm ir-roundabout so taghttih qed tifehm ma tkunx,

Avu: Ir-roundabout hija baxxa sinjura vann huea iktar gholi mir-roundabout le?

Xhud: Imma kien hawn il-karozzi ghaddejin hekk ukoll u jiena rajthom il-karozzi ghaddejin.

Avu: Igifieri inti qed tghid illi inti kont fuq il-maqrut qed thares lejn dik id-direzzjonima rajt xejn inzilt bqajt thares dik id-direzzjoni ma rajt xejn u kif wasalt fin-nofs tat-triq dlonk fegg dal-vann hux hekk?

Xhud: Mhux ma rajt xejn rajt il-karozzi kienu ghaddejin.

Avu; Ma rajt xejn gej minn naha mid-direzzjoni tax-xellug mhux hekk ghedt?

Xhud: Ehe ezatt.

Avu: Naqblu li l-wisgha tat-triq igifiero mil-maqrut tal-bankina hija wisgha dejqa?

Xhud: Ijja mela.

Avu: Igifieri dan mhux qed nitkellmu fuq xi wisgha partikolari?

Xhud: Le ovvja.

Avu: U meta inti rajtu l-ewwel darba dal-vann kemm kien il-boghod minnek bhala tul ta` karozza inqas iktar?

Xhud: Tul ta` karozza u nofs.

Avu: U itni meta rajtu inti x`ghamilt?

Xhud: L-ewwel nett qisni hadt qatgha ovvjament.

Avu: Gifieri waqaft?

Xhud: Le ma waqaftx imma ghedt li ha nilhaq nasal ghax kellu cans jibbrejkja.

Avu; Igifieri inti rajtu u hadt decizzjoni?

Xhud: X`ridtni naghmel jew lura jew l-quddiem ma kelliex fejn iktar.

Avu: Stajt tilhaq taqsam hux hekk?

Xhud: L-unika cans li kelli jew immur il-quddiem jew mmur lura ma kelliex cans.

Avu: U dak il-mument hadt decizzjoni li tmur il-quddiem gahx hsibt li ha tilhaq taqsam?

Xhud: Fejn ridtni immur?

Avu: Iva sinjura qed nitasiek inti gehddtu ta dan id-diskors mhux jien hux hekk?

Xhud: Imma hu, jien ghalija kieku zamm il-brake ma kiex jilhaqni.

Avu: Insa x`ghamel hu sinjura ok xejn iktar.

PS 15 Cyril Butters xehed permezz ta’ affidavit dwar l-involviment tieghu fil-kas

**Ikkunsidrat**

Illi x-xhud Maria Susanna Grech xehdet li fil-vicinanzi ta' minn fejn qasment kien hemm zebra crossing. Persuna ghaqlija taqsam minn Zebra Crossing li qeghdha hemm ghal raguni u mhux bhala dekortazzjoni.Il-pedestrians ukoll ghandhom ir-responsabilitajiet taghhom li jagixxu bhala bonus pater familias fl-agir taghhom. Fic-cirkostanzi zgur li ma inhalaqx l-livell ta' provi rikjesti sabiex tinstab responsabbilta' da parti tal- imputat li gie rinfaccata b' emergenza subitanea.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi ma issibx lil **Carmelo Tarcisius Joseph Valentus Pullicino** hati ta'ebda wahda mill-imputazzjonijiet u tilliberah minn kull htija u piena.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**